FL-AĦĦAR WASALNA (NISPERAW)!!!

Wara sentejn stennija, minħabba l-Epidemija, issa wasalna biex għandna l-permess li nagħmlu l-**Assemblea Ġenerali Annwali** u din id-darba jmiss ukoll l-elezzjoni tal-Kunsill ġdid.

Ġa għandna l-ismijiet ta' dawk li ser jirrappreżentaw l-Għaqdiet affiljati. Minħabba li ġew nominati 4 biss, dawn awtomatikament huma l-membri l-ġodda. Dawn huma:

| | |
|---|---|
| **Attard Savoiur** | Mill-Assoċjazzjoni Membri U3E |
| **Bonnici Peter Paul** | Mill-Għaqda tal-Pensjonanti – U.H.M. |
| **Micallef Godwin C.** | Mill-Assoċjazzoni Nazzjonali tal-Pensjonanti – NAP |
| **Zammit Joseph** | Mill-Għaqda Anzjani Pembroke |

Jonqos issa li jiġu eletti żewġ membri oħra li jiġu nominati u eletti dak in-nhar tal-AĠA, minn dawk preżenti.

L-AĠA ser issir nhar is-Sibt 31 ta' Lulju fid-9.00 fl-Istitut Kattoliku l-Furjana.

Minħabbba restrizzjonijiet imposti mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, ser ikolna navżawkom li tridu:

i. Tavżawna minn qabel li ġejjin (Ara fejn iktar l-isfel);
ii. Turu ċertifikat tat-tilqima kontra l-Covid;
iii. Taħsu jdejkhom bid-disinfettant provdut;
iv. Tkunu liebsin il-maskra/visor il-ħin kollu, barra waqt li qed tindirizza l-Assemblea u
v. Iżżommu d-distanza soċjali.

Barra minn dan, il-Kunsill għandu d-dritt jirrifjuta d-dħul lil min juri xi sintomi ta' mard jew ikollu temperatura għolja.

Nirrakkomandawlkom ukoll li jkollkhom installata l-APP tal-COVID Alert fuq li Smartfown.

**Ikkuntattjana** Tel: 21243860 (bejn 9:00 u 12:00 mit-Tnejn sal Ġimgħa) jew

emejl: kna@onvol.net